

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

PROVIŻORJU
0000/0000(INI)

23.3.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar Lejn Strateġija ta' l-UE fuq id-Drittijiet tat-Tfal
(0000/0000(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitrios Papadimoulis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabilita Strateġija Ewropea li tippromwovi u tissalvagwardja effettivament id-drittijiet tat-tfal; tilqa' l-afermazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li l-kwistjonijiet tad-drittijiet tat-tfal huma prijorità għall-Unjoni Ewropea; jiddispjaċiha li l-komunikazzjoni ma tindikax l-istandards minimi, il-miri ċari jew l-iskedi taż-żmien li għalihom għandha timpenja ruħha l-Unjoni Ewropea;
2. Tilqa' t-twaqqif propost ta' strutturi ġodda li jtejbu l-koperazzjoni fil-livell Ewropew u li jwasslu għal xejra komprensiva u konsistenti, bħal Unità tad-Drittijiet tat-Tfal fi ħdan il-Kummissjoni, Koordinatur għad-Drittijiet tat-Tfal, grupp bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, Forum Ewropew għad-Drittijiet tat-Tfal kif ukoll diskussjoni bbażata fuq l-internet u pjattaforma tax-xogħol;
3. Jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati jimplimentaw bis-sħiħ l-impenji internazzjonali eżistenti, b'mod partikulari dawk tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tan-NU u tal-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) dwar ix-xogħol li jsir mit-tfal;
4. Jemmen li d-dħul tad-drittijiet tat-tfal fil-kurrent ewlieni tal-politika ta' l-UE huwa ta' importanza kbira biex l-Istrateġija Ewropea tinexxi; jistieden lill-Kummissjoni biex fl-istimi ta' l-impatt tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika rilevanti tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar id-drittijiet tat-tfal; tirrimarka li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, meta jiżviluppaw il-politiki tagħhom, għandhom iqisu d-diversità tat-tfal u l-ħtiġijiet differenti tagħhom, skond il-qagħda ġeografika, l-età, is-sess, l-etniċità, ir-reliġjon, il-kultura, il-lingwa, id-diżabilità jew l-istruttura tal-familji tagħhom;
5. Jenfasizza l-importanza ta' l-involvement attiv tat-tfal infushom f'kull proċedura li fiha d-drittijiet tagħhom jinsabu fin-nofs; jikkunsidra li l-parteċipazzjoni għandha tinfetaħ għat-tfal kollha, hi x'inhi l-etniċità, l-istatus legali jew id-diżabilità tagħhom;
6. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni attiva hija marbuta mill-qrib ma' l-informazzjoni; jilqa' t-twaqqif ta' strateġija tal-komunikazzjoni u ta' l-informazzjoni li tippubblika l-miżuri ta' l-UE b'mod li jinftiehem mit-tfal u jkunu aċċessibbli għal kulħadd.
7. Jiddispjaċih li l-komunikazzjoni ma tindikax miżuri speċifiċi dwar il-qagħda tat-tfal b'diżabilità; jenfasizza l-ħtieġa li d-diżabilità għandha tidħol fil-kurrent ewlieni ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni, sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali kif ukoll l-inklużjoni ta' tfal b'diżabilità;
8. Jenfasizza li, skond studji reċenti, wieħed minn kull ħamest itfal jinsab fir-riskju tal-faqar fl-Unjoni Ewropea u li t-tfal u ż-żgħażaġ huma partikolarment vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali; jilqa' l-miżuri urġenti proposti fil-komunikazzjoni kontra l-faqar tat-tfal, u jisħaq fuq il-fatt li l-faqar fost it-tfal huwa problema persistenti; jemmen li għandha

tingħata attenzjoni ta' l-ogħla importanza fil-livell ta' l-UE u fl-Istati Membri biex ikun evitat u eliminat il-faqar fost it-tfal; jiddispjaċih li l-komunikazzjoni ma tagħtix miri kwantitattivi ċari biex jinqered għal kollox il-faqar fost it-tfal;

9. Jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni ma tiġbidx l-attenzjoni dwar il-qagħda partikolari tat-tfal li huma immigranti, rifuġjati jew qegħdin ifittxu kenn politiku; jemmen li dawn il-gruppi għandhom jissemmew speċifikament billi huma aktar vulnerabbli għall-faqar, għall-esklużjoni soċjali u għal forom varji ta' esplojtazzjoni;
10. Jitlob li jkun hemm xejra iktar komprensiva biex titkejjel in-natura pluri-dimensjonali tal-faqar fost it-tfal, li tikkunsidra l-ġid tat-tfal u mhux biss billi ssir analiżi bbażata fuq l-introjt;
11. Jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tat-tfal tat-triq u jstieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi, fosthom li jitjiebu l-monitoraġġ u l-mobilizzazzjoni tas-servizzi responsabbli;
12. Hu tal-fehma li d-drittijiet tat-tfal għandhom ikunu kkunsidrati bis-siġġir fil-kwistjonijiet tal-konċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja u l-ħinijiet tax-xogħol.